



Brussell, 22 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5413/18

CFSP/PESC 45
COPS 14
CSDP/PSDC 24
POLMIL 8
CIVCOM 5
RELEX 39
IPCR 2

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	22 ta' Jannar 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5266/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Jannar 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni, adottati mill-Kunsill fit-3591 laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Jannar 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-APPROĊĊ INTEGRAT GĦAL
KONFLITTI U KRIŻIJIET ESTERNI****L-Approċċ Integrat**

1. L-Istrateġija Globali għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà tal-UE tidentifika l-Approċċ Integrat bħala l-qafas għal impenn aktar koerenti u olistiku mill-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni u tippromwovi s-sigurtà umana u għaldaqstant iżżid ukoll is-sigurtà tal-UE u ċittadini tagħha. L-Unjoni għandha firxa wiesgħa ta' linji politiċi u strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tirrispondi għal dawn l-isfidi inkluż fil-viċinat immedjat tagħha u lil hinn minnu – li jkopru l-oqsma diplomatiċi, finanzjarja, tas-sigurtà, tad-difiża, tal-kummerċ, tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-għajnuna umanitarja (multidimensjonali). L-Approċċ Integrat jirrispetta u jafferma mill-ġdid il-mandati, ir-rwoli, il-miri u l-oqfsa legali varji tal-partijiet ikkonċernati involuti. Huwa applikat fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u globali (diversi livelli) kif ikun meħtieġ u matul il-fażijiet kollha tal-konflitt – inkluż konflitti u kriżijiet fit-tul – (diversi fażijiet) fil-prevenzjoni, ir-rispons għal kriżijiet, l-istabbilizzazzjoni u l-bini tal-paċi fuq perijodu ta' żmien twil, sabiex jikkontribwixxi għal paċi sostenibbli. Huwa approċċ li jlaqqa' flimkien l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE rilevanti u sħab oħra internazzjonali u reġjonali kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (multilaterali).
2. Il-Kunsill jilqa' l-passi li ttieħdu sa mill-adozzjoni tal-Istrateġija Globali biex jiġi implimentat u jitħaddem l-Approċċ Integrat, inkluż it-twaqqif ta' struttura permanenti fi ħdan is-SEAE, u l-ħidma mill-Kummissjoni u permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE biex tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-Approċċ Integrat, u jappella għal aktar progress konkret u sinifikanti f'dan ir-rigward.

3. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sjieda lokali, l-inklussività, ir-reżiljenza u sostenibbiltà tal-azzjonijiet appoġġati, permezz ta' impenn mal-awtoritajiet, il-komunitajiet u s-soċjetà ċivili nazzjonali u lokali. L-UE ser tkompli tfittex li ssaħħa il-multilateraliżmu effettiv f'konformità mal-impenn tal-UE favur il-governanza globali, abbażi tad-dritt internazzjonali, bin-NU bħala element ċentrali, ukoll f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-Karta tan-NU. Ser issaħħa aktar il-kooperazzjoni tagħha man-NU u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali rilevanti oħra, inkluż l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, kif ukoll organizzazzjonijiet nongovernattivi. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol ewlieni tan-nisa, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u taż-żgħażaġh fil-prevenzjoni tal-konflitti u l-bini tal-paċi u r-riżoluzzjonijiet rilevanti sussegwenti kollha.
4. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa tal-involvement tal-UE f'kuntesti fraġli biex issir hídma b'mod sensittiv għall-konflitti. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni. Itenni l-importanza tar-rispett għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL) u jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-UE fit-tehíd ta' pożizzjoni b'saħħitha biex jiġi promoss ir-rispett għall-IHL u l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili fis-sitwazzjonijiet ta' konflitt kollha.
5. Hemm sinerġiji qawwija bejn l-Approċċ Integrat u proċessi oħra ta' segwitu għall-Istrateġija Globali, b'mod partikolari mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-Reżiljenza tas-7 ta' Ġunju 2017 u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2017 u l-hídma fuq is-sigurtà u d-difíza. Il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-politika ta' sigurtà u ta' difíza komuni fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kemm dawk ċivili kif ukoll dawk militari, b'mod komplimentari, u f'koordinament ma' atturi oħra rilevanti tal-UE, inkluż, kif xieraq, l-aġenziji tal-ĠAI, għandha rwol importanti fit-tkabbir tal-approċċ Integrat għal konflitti u kriżijiet esterni. Il-Kunsill ifakkar li l-approċċ Integrat huwa rifless ukoll fil-Kunsens Ewropew ġdid għall-Iżvilupp li juża l-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħala parti mill-fírxa sħiħa ta' politiki u strumenti biex jipprevjenu, jiġġestixxu u jgħinu fis-soluzzjoni ta' konflitti u kriżijiet, jevitaw il-ħtiġijiet umanitarji u jibnu paċi dejjiema u governanza tajba, fi hídman mandati stabbiliti.

6. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li għaddejjin biex ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, u r-rabta bejn l-aspett tas-sigurtà u l-iżvilupp, isiru operazzjonali fuq il-post. F'dan ir-rigward, jafferma mill-ġdid ir-rabtiet bejn l-iżvilupp sostenibbli, l-azzjoni umanitarja u l-prevenzjoni tal-konflitti u l-bini tal-paċi. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-rapport li ser isir dwar ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp fil-pajjiżi pilota fl-2018. L-Approċċ Integrat jikkontribwixxi wkoll għall-ksib tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u b'mod partikolari l-Mira 16 tal-ksib ta' soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklussivi. Barra minn hekk, l-Istrateġija Globali tenfasizza l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali bħala fatturi ewlenin li jikkontribwixxu għall-konflitti u l-kriżijiet.
7. Il-Kunsill ifakkar li l-ġhajjnuna umanitarja tal-UE hija mmexxija mill-prinċipji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza. Din tingħata biss abbażi tal-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet affettwati, f'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajjnuna Umanitarja u lil hinn minn kwalunkwe objettiv politiku, strateġiku, militari, ekonomiku jew objettivi oħra. Għalkemm hija parti ewlenija mir-rispons ġenerali tal-UE għall-kriżijiet, l-ġhajjnuna umanitarja tal-UE mhijiex strument tal-maniġġar ta' kriżijiet per se u għaldaqstant ma għandhiex tintuża biex jinkiseb kwalunkwe objettiv ieħor lil hinn minn dawk umanitarji. Għaldaqstant l-ġhajjnuna umanitarja tal-UE hija "Ġewwa-Iżda-Barra" fir-rigward tal-Approċċ Integrat.
8. Il-Kunsill jenfasizza li l-Approċċ Integrat jibni fuq l-ambitu u l-ambizzjoni tal-Approċċ Komprensiv u jespandihom għall-konflitti u l-kriżijiet esterni. Huwa japprofondixxi l-qafas ta' politika stabbilit mill-Approċċ Komprensiv, inkluż il-Komunikazzjoni Konġunta tal-11 ta' Diċembru 2013 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill sussegwenti tat-12 ta' Mejju 2014. L-Approċċ Integrat jikkonċerna l-ħtieġa ta' sforz integrat fl-istadji kollha tar-rispons tal-UE mill-ippjanar għall-implimentazzjoni u t-teħid ta' tagħlimiet, u ssuċċeda l-Approċċ Komprensiv wara t-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni għal Approċċ Komprensiv 2016-2017. Il-Kunsill jistenna b'interess ir-rapport finali dwar il-Pjan ta' Azzjoni għal Approċċ Komprensiv 2016-2017 inkluż valutazzjoni kif ukoll tagħlimiet meħuda.

Temi

Trasversali

9. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni biex jiżguraw li jitwettqu b'mod sistematiku analiżi konġunti tal-kriżijiet u li dawn jiġu aġġornati għal pajjiżi li huma friskju jew qed jiffaċċaw konflitt jew instabbiltà u fejn l-UE għandha involviment sinifikattiv. Dawn l-analiżijiet għandhom jinkludu l-atturi rilevanti kollha, inkluż daww reliġjużi u kulturali, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa u ser jikkontribwixxu għall-"Valutazzjonijiet Uniċi tal-Pajjiżi" proposti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Reżiljenza. L-analiżijiet konġunti tal-konflitti ser jipprovdu informazzjoni għal proċessi oħra ta' involviment strateġiku tal-UE, bħall-ipprogrammar reġjonali u nazzjonali u l-Ipprogrammar Konġunt.
10. Il-Kunsill jenfasizza l-potenzjal uniku tal-UE fl-involviment ta' medjazzjoni globali, li jisfrutta wkoll in-netwerks u l-inizzjattivi ta' medjazzjoni tal-Istati Membri, inkluż fil-livell lokali. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li l-kapaċitajiet ta' medjazzjoni tas-SEAE jkomplu jinbnew biex dan jgħin fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti lokali u nazzjonali u biex jaħdem aktar fuq il-kapaċità ta' skjerament rapidu ta' esperti ta' medjazzjoni fid-delegazzjonijiet tal-UE u b'appoġġ għal organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra kull meta jkun xieraq, ukoll b'enfasi suffiċjenti fuq l-użu tiegħu f'azzjoni bikrija. Iħeġġeġ ukoll lill-UE biex tappoġġa lil atturi lokali għall-paċi, inkluż medjaturi interni u biex tkompli tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar il-medjazzjoni man-NU u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra.
11. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tal-14 ta' Novembru 2016 u jenfasizza l-ħtieġa ta' implimentazzjoni kontinwa tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar qafas strateġiku għall-UE kollha biex tiġi appoġġata r-riforma tas-settur tas-sigurtà.

Prevenzjoni ta' konflitti

12. Il-Kunsill jitlob lir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni biex isaħħu l-profil politiku tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-kriżijiet esterni inkluż permezz ta' diskussjonijiet ministerjali ddedikati, meta jkun xieraq, abbażi ta' każijiet konkreti, sabiex tinkiseb kultura ta' azzjoni bikrija biex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji ta' konflitti vjolenti emerġenti li jkunu qed jeskalaw. Jilqa' b'sodisfazzjon il-prijoritizzazzjoni min-naħa tan-NU tal-prevenzjoni tal-konflitti. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata l-prevenzjoni tal-atroçità fil-kuntest tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-kriżijiet. Jistenna b'interess ir-riżultati tal-evalwazzjoni li għaddejja tal-involviment tal-UE fil-prevenzjoni tal-konflitti u l-bini tal-paçi għall-perijodu 2013-2017 bħala bażi biex jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-UE f'dawn l-oqsma.
13. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-aġġustamenti fis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE sabiex issir aktar inklussiva anke permezz ta' involviment aktar strutturat tal-Istati Membri, inkluż fil-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, u jistenna b'interess it-twaqqif ta' proçess ta' analiżi prospettiva, li jgħin jidentifika l-perssonijiet esterni u l-konsegwenzi tagħhom fuq terminu qasir, bil-ħsieb li jipprovdu informazzjoni għal rispons politiku tal-UE msaħħaħ u f'waqtu. L-UE ser timplimenta u timmonitorja l-miżuri ta' azzjoni bikrija kif identifikati permezz tal-proçess ta' twissija bikrija, u tiddiskutihom fil-korpi rilevanti tal-Kunsill.
14. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li l-approçç ta' reżiljenza jiġi integrat, fejn xieraq, fl-ipprogrammar tal-UE sabiex isir kontribut għall-prevenzjoni tal-konflitti u l-kriżijiet, u biex jiġu indirizzati l-għeruw tal-konflitti u l-kriżijiet esterni. Jenfasizza l-importanza tal-finanzjament flessibbli u rapidu għall-prevenzjoni tal-konflitti u l-kriżijiet u l-bini tal-paçi kif ukoll għar-rispons għall-kriżijiet. F'dan ir-rigward, ifakkar fir-rwol ewlieni tal-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paçi.

Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li jiġu koperti kompletament ir-rekwiżiti kollha għall-appoġġ ulterjuri ta' pajjiżi sħab fil-prevenzjoni u l-immaniġġjar waħedhom tal-kriżijiet, inkluż fil-kuntest ta' missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u jappella lill-Kummissjoni u s-SEAE biex jidentifikaw u jiżviluppaw proġetti ġodda malajr. Il-Kunsill itenni l-ambitu ġeografiku flessibbli tas-CBSD u jfakkar ukoll fil-proposta tiegħu għal ħidma fuq strument iddedikat biex jipprovdi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'kont meħud tal-ħidma preparatorja meħtieġa.

Rispons tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet

15. Il-Kunsill japprezza t-twaqqif tal-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE li għandu l-mira li jissimplifika r-rispons għall-kriżijiet u l-emerġenzi esterni, bl-involvement tas-SEAE u tas-servizzi u d-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. Jistieden lis-SEAE jesplora aktar is-sinerġiji msaħħa bejn il-mekkaniżmu l-ġdid u s-sistemi ta' rispons ta' emerġenza f'istituzzjonijiet differenti tal-UE, b'mod partikolari ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza fil-Kummissjoni u l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) fil-Kunsill. Japprezza l-koordinazzjoni msaħħa tal-Istati Membri tar-rispons konsolari għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi f'pajjiżi terzi, u jilqa' b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni tal-"Qafas Konġunt tal-UE ta' Livell ta' Tħejjija għal Kriżijiet Konsolari".
16. Il-Kunsill jinnota li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet PSDK, kemm dawk ċivili kif ukoll dawk militari, huma aktar effettivi u għandhom impatt ikbar meta jiġu kkoordinati ma' involvement usa' tal-UE, inkluż d-dimensjonijiet tal-iżvilupp, tal-istabbilizzazzjoni, dawk umanitarji u dawk politiċi. Jilqa' b'sodisfazzjon li l-ippjanar strateġiku tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet jiġi kkoordinat ma' atturi rilevanti f' stadju bikri biex tiġi ffaċilitata s-sinkronizzazzjoni ma' tipi oħra ta' involvement tal-UE u t-transizzjoni għalihom li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-azzjoni u l-impatt tal-UE fil-pajjiż jew ir-reġjun inkwistjoni. Approċċ aktar koerenti iżid l-effettività tal-isforzi tal-UE u b'hekk iwitti t-triq għal paċi u żvilupp sostenibbli fit-tul. Barra minn hekk, jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni ċivili-militari effettiva fil-qasam umanitarju, kif xieraq, sabiex jiġi ffaċilitat id-djalogu u tikber l-interazzjoni bejn l-atturi ċivili u dawk militari.

17. Il-Kunsill, f'dan il-kuntest, jistenna wkoll b'interess it-tisħiħ tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu dwar is-sigurtà u d-difiża tat-13 ta' Novembru 2017. Il-valur miżjud tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK fi ħdan l-Approċċ Integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni u matul iċ-ċiklu sħiħ tal-konflitt għandu jiġi definit u r-rekwiżiti fir-rigward tal-kapaċitajiet ċivili għandhom jintlaħqu fil-Patt tal-PSDK fl-2018.

Stabbilizzazzjoni

18. Il-Kunsill jinnota l-ewwel passi li ttieħdu biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' stabbilizzazzjoni, inkluż l-użu tal-Artikolu 28 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, bħall-azzjoni ta' stabbilizzazzjoni tal-UE fil-Mali Ċentrali. Ladarba l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jimmobilizzaw firxa wiesgħa ta' assi, għodda u strumenti rilevanti li jistgħu jiġu applikati għal azzjoni ta' stabbilizzazzjoni integrata, hemm il-ħtieġa ta' ppjanar koerenti u kkordinat matul l-ippjanar ta' stabbilizzazzjoni kollu, fil-kwartieri ġenerali kif ukoll fuq il-post. Il-Kunsill jistenna b'interess l-iżvilupp ulterjuri tal-kunċett tal-UE dwar l-Istabbilizzazzjoni, inkluż definizzjoni ċara, bħala parti mill-Approċċ Integrat tal-UE għall-konflitti u l-kriżijiet esterni.
19. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-appoġġ tal-UE għall-ġustizzja tranżizzjonali, bħala parti minn Approċċ Integrat, u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi favur l-appoġġ u l-promozzjoni tal-proċessi tal-ġustizzja tranżizzjonali u l-involviment flimkien ma' sħab fil-livell internazzjonali u f'dak tal-pajjiż.

Jisħaq fuq l-importanza tal-ġlieda kontra l-impunità għal delitti atroċi u l-politika determinata tal-UE ta' appoġġ għall-Qorti Kriminali Internazzjonali.

20. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE ser ikompli jaħdmu mill-qrib flimkien, fi Brussell u fuq il-post, dwar l-iżvilupp kunċettwali u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Approċċ Integrat. L-involviment tal-Istati Membri ser jiġi strutturat permezz ta' interazzjonijiet regolari fil-livell tal-esperti fil-korpi rilevanti tal-Kunsill kif ikoll fil-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà. Il-Kunsill jistenna b'interess li jirċievi rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Approċċ Integrat għall-konflitti u l-kriżijiet esterni bħala parti mir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali.
-